

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1078/2007**tad-19 ta' Settembru 2007**

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Settembru 2007 fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 ta' l-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.
- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Settembru 2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 li jiġi determinat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-

koeffiċjent ta' allokazżjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (3) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Settembru 2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 huma, għal ċerti kwoti, anqas mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet, dawn ta' l-aħħar għandhom jiżdiedu mal-kwantità allokata għas-subperjodu tal-kwota sussegwenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti skond ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 huma assenjati skond il-koeffiċjenti ta' l-allokazżjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 533/2007, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Settembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Settembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

⁽³⁾ ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9.

ANNEX

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Il-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa fil-perjodu mill-1.10.2007-31.12.2007 (%)	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1.1.2008-31.3.2008 (t'kg)
P1	09.4067	16,100337	—
P2	09.4068	(¹)	633 354
P3	09.4069	1,579179	—
P4	09.4070	(¹)	440 950

(¹) Ma japplikax: l-applikazzjonijiet huma anqas mill-kwantitajiet disponibbli.